MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 78

17 ta' Diċembru 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 78 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. Is-Sindku R. Cutajar ma kienx preżenti waqt id-dikussjoni fuq *items* 11.1., 12.1., u 16.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ma kienx preżenti waqt id-diskussjoni fuq *item* 14.1.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-minuta 8.8. fil-minuti tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara hekk:

"*8.8. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li għandu jinkiseb parir legali dwar l-assikurazzjoni. Qabel ukoll li għandha tintalab kjarifika mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu dwar jekk il-Fondazzjoni tistax torganizza żjarat bil-gwida ġewwa l-heritage trail innifsu.".*

1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.7. tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"10.7. Il-Kunsill approva l-infieq indikat mis-Sindku, inkluż dik marbuta mal-band, sakemm l-ispiża nkluża l-VAT f'kull każ tkun taħt €1,164."*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 77, bl-emendi proposti hawn fuq, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 4122/10 – *Bus shelter* f'Ghajn Tuffieha (B/6/Vol V)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju għarraf li l-konsulent legali tal-Kunsill ippreżenta protest ġudizzjarju fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Faces Consultants Ltd sabiex il-posizzjoni tal-Kunsill tiġi rreġistrata uffiċjalment. Sussegwentement, Faces Consultant Ltd ippreżentaw stima ta' €4,773.10 sabiex il-*bus shelter* in kwistjoni jiġi spusstjat, liema stima ma tinkludix l-applikazzjoni għall-provista ta' elettriku mill-Korporazzjoni Enemalta.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhux aċċettabbli li jkopri l-ispejjeż indikati, fin-nuqqas ta' struzzjonijiet bil-kitba mill-Kunsill sabiex jitwaħħal il-*bus shelter* in kwistjoni, mingħajr il-permess tal-MEPA. Fi kwalunkwe` każ ix-xogħol biex jitwaħħal il-*bus shelter* sar minn Faces Consultants Ltd, li ċertament kienu familjari mal-linji gwida *Access for All* tal-

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita`, minħabba n-numru ta' *bus shelters* li twaħħlu mal-pajjiż kollu.

### 2.2.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sur R. Cutajar għarraf li il-Mellieħa ngħatat it-tielet post fis-sezzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-*Malta Olympic Committee Sports Awards.* Ħal-Qormi ngħata l-ewwel post.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2013 (A/5/3/1/Vol XII)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 2.14.1. tas-seduta preċedenti sabiex il-Kunsill ġie nfurmat li l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Paul Cremona mhux ser ikun jista' jattendi s-serata ta' Jum il-Kunsill. Is-Sindku qal li din l-istedina ġiet estiża lill-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Awżiljarju Mons Charles Scicluna, liema stedina ma ntlaqgħetx lanqas, minħabba l-inpenji li huwa għandu dakinhar.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir stedina lill-Mons. Victor Grech li għandu kemm ingħata l-European Citizen's Prize 2012 mill-Unjoni Ewropea. Ġie propost, u kien hemm qbil dwaru wkoll l-Mons Isqof Mario Grech ta' Għawdex.

### 2.4.1. Festival Kulinarju u Snajja (P/10/5)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-parteċipazzjoni tal-għaqdiet Mellieħin kienet waħda tajba. L-għaqdiet Melleħin li ħadu sehem kienu: l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina; is-Societa` Filarmonica La Vittoria; l-Għaqda Mużikali Imperial; u l-Art Club 2000; flimkien ma diversi produtturi lokali

2.4.3. .Huwa qal ukoll li Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral kienet qed tagħmel *post mortem* ta' din l-inizjattiva.

2.4.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.5.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

2.5.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li kien għadu qed jistenna l-parir tal-konsulent legali tal-Kunsill dwar il-punti li tqajjmu rigward l-assikurazzjoni marbuta mas-siti li ser jiġu fdati lill-Fondazzjoni ARKEO. Huwa fakkar li l-iffirmar tal-ftehim qed iżomm lill-ARKEO milli jgħaddu t-tagħrif li jrid jiġi stampat fuq it-tabelli li ser jindikaw il-*heritage trail*. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li l-ftehim li ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 2012 mat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern ma jkoprix is-siti kollha li ser jiġu nkluż fil-*heritage trail*, minkejja li fit-talba oriġinali li saret mill-Kunsill dawn kienu ġew indikati kollha. Huwa qal ukoll li saret talba sabiex il-ftehim imsemmi jiġi emendat.

2.5.3. Is-Sindku qal li huwa kien infurmat li dan sar bi żvista u ħa nota tal-punti mqajma fil-minuta 2.5.2. Kompla billi ppropona li l-inawgurazzjoni tal-irżieżet issir nhar il-Ħadd 3 ta' Frar 2013.

2.5.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 2.6.1. Tiżjin tat-toroq ewlenin fil-Milied (T/4/15)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-diżgwid li kien hemm bejn is-sidien tan-negozji dwar il-kontribuzzjoni li għandha titħallas biex tiżżejjen Triq Ġorġ Borg Olivier ġie riżolt u ntlaħaq ftehim.

2.6.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li sar appell sabiex il-Kunsill jikkontribrixxi €300 sabiex jinkera l-*highup* meħtieġ.

2.6.4. Fid-dawl ta' dan il-ftehim, il-Kunsill qabel li għandu jgħati sehmu billi jikkontribwixxi €300, għall-armar tat-toroq ewlenin u €100 għall-kiri tal-*highup*. Il-Kunsill qabel ukoll li Triq il-Parroċċa tintrama' kollha għas-spejjeż tal-Kunsill, kif sar fi snin preċedenti.

### 2.7.1. *Dispensers* tal-gazzetti fit-toroq (T/4/3/Vol II)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li d-*dispensers* li tpoġġew fuq il-bankina fi Triq il-Kbira, bejn Triq ix-Xagħra Ta' Barra u Triq Għajn Żejtuna, ma fihomx riklami. Barra dan, is-Sur R. Cutajar qal li dawn id-*dispensers* huma koperti bil-permess tad-Dipartiment tal-Artijiet u minn Transport Malta. Huwa fakkar li l-*policy* tal-Kunsill dwar ir-riklamar fit-toroq, tinvolvu *barriers*, tabelli u *streamers*.

### 2.8.1. Ftehim dwar il-ġbir ta' skart reċiklabbli (K/6/10/Vol III)(K/6/11)

2.8.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti dwar il-proposta li saret sabiex isir kuntatt ma' GreenPak dwar l-iskema ta' riċiklaġġ offruta minnhom. Huwa kkummenta li ma jarax ir-raġuni għaliex għandu jsir dan, meta l-Kunsill huwa moqdi tajjeb bl-iskema attwali mħaddma minn Green MT Ltd. Dan minbarra benefiċċji oħra, bħalma huma l-*bins* għas-separazzjoni tal-iskart li saru qrib ix-xtut, ħlas għal spejjeż amministrattivi, kif ukoll sostenn b'rizq attivitajiet li jiġu organizzati mill-istess Kunsill. Fl-aħħar tliet snin, GreenPak qatt ma wrew interess li jaħdmu mal-Kunsill tal-Mellieħa.

2.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li jinħareġ rendikont ta' ħlasijiet li saru lill-Kunsill minn Green MT Ltd, matul l-2012, kif ukoll kopja tal-ftehim propost.

2.8.4. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda għad-diskussion fis-seduta li jmiss.

### 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/12/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/11/12 - 08/12/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 13/11/12 – 07/12/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2012
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 28/11/12

### 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Parkeġġ riżervat għal persuna b'diżabilita` fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/8/2/Vol III) (P/8/2/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Novembru 2012, mibgħuta Transport Malta dwar talba sabiex ir-*reserved parking bay* allokat lill-familja Cilia fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi jiġi spusstjat għall-ewwel *parking bay* li tiġi eqreb ir-residenza tal-persuna b'diżabilita` f'Nru. 162. Dan billi l-*policy* tal-istess Awtorita` hija li r-*reserved parking bays* għall-persuni b'diżabilita` għandhom isiru l-iktar qrib possibbli tar-residenza li tibbenefika minnha.

4.1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li wieħed jifhem aħjar jekk Transport Malta jgħaddu pjanta li turi dak li qed jiġi propost min-naħa tagħhom.

4.1.4. Is-Sindku kkummenta li dan il-każ għandu jiġi meqjus bħala magħluq għaliex il-post attwali ġie magħżul mill-istess Awtorita`. Dan minħabba li l-ispustjar tar-*reserved area* jista' jgħati lok għal aktar diżgwid ma' residenti oħra u għalhekk kull referenza għall-*policy* tal-Awtorita` fuq dan is-suġġett hija superfluwa. Is-Sur R. Cutajar fakkar li dan il-każ jittratta tifla bi bżonnijiet speċjali.

4.1.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jwieġeb skont l-opinjoni espressa mis-Sindku fil-minuta 4.1.4.

### 4.2.1. Servizzi offruti mill-Koperattiva ME2 (E/3/6)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 10 ta' Diċembru 2012, mibgħuta mill-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja – l-Onor Chris Said – fejn appella lill-Kunsilli Lokali jagħmlu użu mis-servizzi relatati max-xogħol tal-uffiċċju mogħtija mill-koperattiva msemmija. Fl-istess ittra ntqal li din hija komposta minn persuni b'diżabilita` bil-għan li dawn jużaw it-talenti tagħhom fid-dinja tax-xogħol. Il-proġett ME2 huwa ffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew ESF 361 (OP II – *Cohesion Policy* 2007-2013).

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Skema dwar il-manutenzjoni tal-komun (B/7)

4.3.1. Saret referenza għall-korrispondenza datata 22 ta' Novembru 2012, mibgħuta miċ-Chairman tal-Awtorita` tad-Djar, dwar skema ġdida li ser tinvolvi l-manutenzjoni tal-komun fl-oqsma tal-appartamenti tal-Gvern. Waqt laqgħa li ssejħet apposta fil-21 ta' Novembru 2012, ġie spjegat li kull blokka ser tiġi allokata €5,000 li tkun amministrata minn *Condominium Coordinator* maħtur minn fost l-inkwilini. Il-persuna li taqdi din il-funzjoni ser tingħata €150 fis-sena għas-servizzi tagħha.

4.3.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu sabiex jiġu ndikati persuni residenti f'kull blokka f'Ta' Pennellu bil-għan li jagħmluha ta' *Condominium Coordinators*.

### 4.4.1. Skema ta' finanzjament *Book Box* (L/4/Vol III)

4.4.2. Saret referenza għall-Memo 56/2012 datat 6 ta' Diċembru 2012, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fl-istess e-mail saret sejħa għall-espressjoni ta' interess rigward proposta sabiex *telephone booths* li m'għadhomx jintużaw, iservu fejn wieħed jista' jiddepożita kotba li jkun qara biex ikunu jistgħu jinqraw minn ħaddieħor. Ġie spjegat li din l-inizjattiva titħaddem f'pajjiżi oħra billi l-pubbliku jmur f'*book box* u jissellef ktieb jew iktar, filwaqt li jpartat l-istess kotba mislufa b'kotba oħra ħalli b'hekk l-ixkaffef ma jispiċċawx vojta. Jekk persuna li tissellef dawn il-kotba ma jkolliex kotba xi tpartat, tista tħalli xi ħaġa żgħira tal-flus bħala donazzjoni fil-kaxxi magħluqin li jitwaħħlu fl-istess *book boxes*. Il-Gvern ser iniedi dan il-proġett pilota li għalih irid ikun hemm mill-inqas ħames kunsilli lokali li juru interest. Din l-iskema ser tgħaddi finanzjament għal kull *book box* għall-użu ta' kull kunsill lokali li ser jibbenefika minnha, liema fondi jridu jintużaw biex jiġu mwaqqfa dawn il-*book boxes*. B'dan l-ammont ta' flus, kunsill lokali jista' jiddeċiedi li, jew jirranġa *telephone box* li diġa teżisti fil-lokalita`, jew li jitbni waħda ġdida li trid tkun tal-istess għamla u forma. Kull kunsill lokali hu eliġibbli li japplika għal massimu ta' żewġ *box boxes* f'partijiet differenti tal-lokalita`.

4.4.3. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jista' jidħol għal din l-iniżjattiva permezz tal-*telephone box* li ser titwaħħal f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u permezz ta' oħra li tista' titqiegħed fl-*open air gym* fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.

4.4.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Diċembru 2012

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn is-16 u t-8 ta' Diċembru 2012. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-13 ta' Novembru u s-7 ta' Diċembru 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

### 7.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2012 (A/5/3/6/Vol III)

7.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-kantanti tal-Artemocion, ser jiftħu s-serata tal-20 ta' Diċembru li fiha ser ikun hemm il-kunċert mit-*tribute band* ABBA Gold.

7.3. Il-Kunsill approva din il-bidla fil-programm.

### 8.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2012 (F/1/1/Vol II)

8.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

8.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 9.1. Estimi finanzjarji 2013 (F/1/24)

9.2. Is-Segretarju qal li l-figuri għall-baġit 2013 kienu tħejjew min-naħa tiegħu u għadda kopja tagħhom lis-Sindku.

9.3. Billi kien sar il-ħin, il-Kunsill iddeċieda li jħalli dan l-*item* għas-seduta li jmiss.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2012 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Jonathan Micallef, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2012, skont ma' jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti; u**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2012, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar. (Wages)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinkiseb l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali qabel jitħallas il-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, skont il-Memo 151/2010 maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-24 ta' Diċembru 2010.

## 11.1. Sejħa 15/2012 – Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubblici, Siġar u *Soft Areas* (K/6/3/Vol II)

11.2. Tressaq ir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, fejn saret evalwazzjoni bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-*Contracts Manager*. Ġie spjegat li għalkemm il-Bord kien inklinat li jirrakkomanda l-*Option* C tal-Environmental Landscapes Consortium Ltd, talab liż-żewġ offerenti sabiex jagħtu aktar spjegazzjonijiet dwar il-mod kif ser jirrendu s-servizzi tagħhom, kemm-il darba jingħataw il-kuntratt.

11.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offerent E.L.C. Ltd wieġeb permezz ta' ittra datata 4 ta' Diċembru 2012, filwaqt li dik ta' A.A.F. Services datata 6 ta' Diċembru 2012, infetħet waqt is-seduta. Iż-żewġ offerenti wieġbu li s-servizzi mistennija minnhom ser jingħataw permezz ta' żewġ ħaddiema, mgħejjuna minn oħrajn meta jkun hemm il-ħtieġa.

11.4. Fid-dawl tal-fatt li E.L.C. Ltd kellhom *track record* eċċellenti, ikkaratterizzat minn flessibilta` li kienet meħtieġa biż-żieda ta' ġonna ġodda, kif ukoll jimpjegaw *personnel* espert fil-qasam tal-gardinaġġ, il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent E.L.C. Ltd.

## 12.1. Sejħa 16/2012 – Manutenzjoni u Żamma ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa u Postijiet Oħra (K/6/3/Vol II)

12.2. Sindku rtira mis-seduta wara li ddikjara illi mhux ser jieħu parti fid-dikussjoni, peress li għandu parentela (kuġin) mal-offerent Homeworxs Plus Ltd. Il-Viċi Sindku E. Bartolo mexxa s-seduta minfloku.

12.3. Tressaq ir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012 fejn saret evalwazzjoni bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-*Contracts Manager*. Skont ma' irrakkomanda l-istess Bord, l-offerenti li ġew *shortlisted* illi l-Kunsill ma kienx familjari mal-livell tas-servizzi offruti minnhom, ġew mitluba jindikaw l-esperjenza li jista' għandhom fuq xogħol involut fil-kuntratt li jrid jingħata. Billi l-offerenti Gardentech u E.L.C. Ltd huma diġa l-kuntratturi fuq xogħol simili mal-Kunsill, din il-mistoqsija saret lill-

A.A.F. Services, Martin Muscat u Homeworxs Plus Ltd permezz ta' e-mail datat 30 ta' Novembru 2012. L-ebda wieħed minn dawn l-offerenti ma wieġeb sad-data mogħtija.

12.4. Fid-dawl tal-fatt, li Gardentech taw servizz tajjeb ħafna minn kemm ilhom jirrendu dan is-servizz mill-2002, kif ukoll minħabba t-*technical knowhow* u l-esperjenza li għandhom, il-Kunsill iddeċieda li l-kuntratt għandhom jingħata lilhom, minkejja li offrew ir-raba' għola prezz. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li Gardentech ikkwotaw €1,665 fis-sena inqas minn E.L.C. Ltd, li ukoll jippossjedu l-istess kredenzjali.

## 13.1. Sejħa 17/2012 – Tindif u Żamma ta' Toroq Mhux Urbani (T/4/6/Vol IV)

13.2. Tressaq ir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, fejn saret evalwazzjoni bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-*Contracts Manager*. Ġie spjegat li l-Bord għamel *shotlisting* tal-offerenti A.A.F. Services u Joseph Grima, u ddeċieda li jistaqsihom dwar:

(a) X'esperjenza għandhom fuq dan it-tip ta' xogħol;

(b) Il-vetturi li ser isir użu minnhom kemm-il darba jingħataw il-kuntratt; u

(c) Ir-reġistrazzjoni tal-vetturi bħala *waste carriers* mal-MEPA u WasteServ Malta Ltd.

13.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offerent Joseph Grima wieġeb permezz ta' ittra datata 5 ta' Diċembru 2012, u qal li huwa kien jirrendi s-servizz mitlub taħt *sub-contracting* mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fl-2007, filwaqt li għadda d-dokumentazzjoni dwar żewġ vetturi li dwarhom saret applikazzjoni mal-MEPA u WasteServ Malta Ltd sabiex jiġu rreġistrati bħala *waste carriers*. L-offerent A.A.F. Services wieġeb permezz ta' ittra datata 6 ta' Diċembru 2012, li infetħet waqt is-seduta, fejn indika żewġ vetturi li diġa huma rreġistrati bħala *waste carriers*, filwaqt li ppreżenta wkoll ittri ta' referenza dwar servizzi li huwa rrenda mill-Mellieħa Bay Hotel, Seabank Hotel, u Riviera Resort Hotel.

13.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-kuntratt għandu jingħata lill-A.A.F. Ltd minkejja li l-offerta tiegħu hija €2,500 fis-sena iktar minn dik ta' Joseph Grima fuq il-kriterji segwenti:

(a) Il-vetturi speċifikati huwa diġa rreġistrati bħala *waste carriers*; u

(b) Diġa jippossjedi esperjenza ta' xogħol fl-ambitu ta' kunsill lokali, peress li għall-aħħar sentejn huwa rrenda servizz ta' ġbir tal-iskart ġoff.

## 14.1. Sejħa 18/2012 – Iddisinjar, Tqassim u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill flimkien mas-Suppliment għat-Tfal u Servizz ta' Illegar ta' Dokumenti (P/3/2/Vol IV)

14.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rtira mis-seduta wara li ddikjara illi mhux ser jipparteċipa fid-dikussjoni, peress li ibnu għandu nteress fil-kumpanija Uninstinting Printing.

14.3. Tressaq ir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, fejn ġie rrakkomandat li l-kuntratt għandu jingħata lil Gutenberg Press Ltd fuq il-kriterji ta' prezz u reputazzjoni eċċellenti li jgawdi l-istess offerent fil-qasam tal-istampar u l-pubblikazzjoni.

14.4. Il-Kunsill qabel unanimament li jaddotta din ir-rakkomandazzjoni.

## 15.1. Sejħa 19/2012 – Servizz ta' *Contracts Management* fuq l-Operat tal-Kunsill in Ġenerali u Servizzi Anċillari (K/6/5/2)

15.2. Tressaq ir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, fejn saret evalwazzjoni. Ġie spjegat li l-Bord iddeċieda li ż-żewġ offerenti għandhom jiċċaraw dwar jekk it-tħejjija ta' *Post Construction Condition Reports (PCCR)* kienx ittieħdet in konsiderazzjoni fir-rata li huma ntalbu jikkwotaw fejn l-*item* "*Reports and other written documentation*" f'Annex 7 tad-dokument tal-offerta. Jekk dan ma kienx il-każ, allura ntalbu jikkwotaw speċifikament għaliħ permezz ta' *envelopes* issiġillati li nġiebu eżattament qabel is-seduta sabiex jinfetħu waqt id-diskussjoni tas-suġġett fl-istess laqgħa. It-tweġibiet li ngħataw kienu kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Kjarifa għall-mistoqsija (a) | Kjarifika għall-mistoqsija (b) |
|---|---|---|
| Perit Joseph Attard | *PCCR*'s ma kinux inklużi fir-rata kkwotata taħt l-*item* "*Reports and other written documentation*" | Ikkwota rata ta' €35.00 mingħajr il-VAT. Rapporti sussegwenti dwar l-istess żvilupp ma jiġux iċċarġjati. |
| Malta Planning & Disign Consultants Ltd | Ma ngħatat ebda rata fis-sottomissjonijiet oriġinali peress li n-natura tar-rapporti tvarja u għalhekk kien diffiċċli li tingħata rata li tolqot kollox. Għalhekk tali rapporti jeħtieġ li ssir stima skont il-każ. | Ma ngħatat ebda rata għat-tħejjija tal-*PCCR*'s għaliex tali rapporti kienu ittieħdu in konsiderazzjoni, iżda mhux qed jintalab ebda ħlas għalihom. |

15.3. Fid-dawl tat-tweġibiet mogħtija, il-Kunsill iqis li l-Perit J. Attard ser jitlob ħlas bir-rata ta' €41.30 (VAT inkluża) għal kull *PCCR*'s, filwaqt li M.P. & D.C. Ltd ser ikunu koperti bir-rata mogħtija taħt l-item "*Annual Contract Management Fee inclusive of VAT*"

15.4. Il-Kunsill iddeċieda li qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar dawn l-offerti, għandha tiġi ppreparata skeda li turi r-rati kkwotati miż-żewġ offerenti applikati fuq kont ta' proġett partikulari.

## 16.1. Sejħa 20/2012 – Restawr ta' Girna u Ħitan tas-Sejjieħ qrib Triq ir-Raded, Manikata (P/4/26)

16.2. Is-Sindku R. Cutajar irtira mill-ġdid mis-seduta wara li ddikjara illi mhux ser jieħu sehem fid-dikussjoni, peress li għandu parentela (kuġin) mal-offerent Homeworxs Plus Ltd. Il-Viċi Sindku E. Bartolo mexxa s-seduta minfloku waqt id-dikussjoni fuq din il-materja.

16.3. Tressaq ir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, fejn saret evalwazzjoni bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-*Contracts Manager*.

16.4. Wara li l-Bord ra r-rapport tal-Bord qabel li għandu jaddotta r-rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-offerent Salamanda Ltd.

## 17.1. Sejħa 21/2012 – Rinovar tal-Fond sabiex jintuża bħala Estensjoni għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)

17.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li din is-sejħa għalqet fit-3 ta' Diċembru 2012 u ġew irreġistrati l-offerti segwenti:

| Bill | DESCRIPTION | Homeworxs Plus Ltd | Salamanda Ltd | Project Technik | DP Road Cons. Ltd |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Including VAT | | | |
| A | Preliminaries | 6,580.00 | 7,025.00 | 5,655.00 | 6,580.00 |
| B | Earth Works | 205.00 | 265.00 | 737.50 | 465.00 |
| C | Masonry Works | 3,062.50 | 2,890.00 | 6,935.25 | 4,780.00 |
| D | Concrete Works | 5,706.85 | 5,530.00 | 9,513.58 | 5,431.00 |
| F | Damp-proofing & Water-proofing Works | 4,236.25 | 4,443.75 | 7,478.45 | 5,319.09 |
| G | Plumbing and Foul Water Drain Works | 2,770.50 | 2,925.00 | 1,622.05 | 2,220.63 |
| H | Electrical Works | 17,711.00 | 15,470.00 | 21,244.88 | 11,464.62 |
| I | Decoration and Plastering Works | 11,730.00 | 11,100.00 | 16,251.50 | 17,014.04 |
| J | Tiling and Marble Works | 8,784.00 | 9,270.00 | 15,164.20 | 11,355.95 |
| K | Aluminium Works | 5,925.00 | 7,050.00 | 4,994.69 | 5,511.77 |
| L | Joinery Work | 2,780.00 | 3,220.00 | 13,046.67 | 9,229.19 |
| M | Metal Works | 4,500.00 | 4,080.00 | 3,822.00 | 5,677.96 |
| N | Glass Works | 6,700.00 | 7,850.00 | 5,913.62 | 11,951.84 |
| O | Ancillary Services, Fittings and Fixtures | 23,008.75 | 19,927.50 | 22,160.02 | 38,731.45 |
| | GRAND TOTAL € | 103,699.85 | 101,046.25 | 134,539.41 | 135,732.54 |

17.3. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi dawn l-offerti għall-evalwazzjoni tat-*Tender Adjudication Board* bil-għajnuna tar-rapport tekniku tal-*Contracts Manager*.

## 18.1. Kritika ndirizzata lejn il-Kunsill (K/6/4/1/Vol II)(P/4/26)(P/4/25)

18.2. Is-Sindku rrefera għal kritika li saret mill-kandidata tal-Partit Laburista l-Avukat Joanne Vella Cuschieri fil-programm TV-AM fuq PBS tas-26 ta' Novembru 2012. Fl-istess programm hija kkritikat lill-Kunsill li ma għamel xejn fl-aħħar ħames snin. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa dehrlu li m'għandux iwieġeb għal din il-kritika għaliex ir-riżultat tal-ħidma tas-Sitt Kunsill hija evidenti biżżejjed u l-pubbliku għandu jiddeċiedi.

18.3. Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħarġa tal-fuljett "Il Quddiem" ta' Novembru 2012 maħruġ mill-Kumitat Lokali Laburista Mellieħa, fejn kien hemm kritika lill-Kunsill dwar il-Manikata. Huwa qal li l-artiklu m'għamel ebda referenza li l-Kunsillier responsabbli mill-Manikata ġej mill-Partit Laburista, li fl-aħħar erba' snin qatt ma laqqa' is-sotto-kumitat konċernat. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-Kunsill għamel sejħa għall-offerti sabiex jitwettaq il-proġett tal-*heritage trail* fil-Manikata li ilu ħmistax-il sena biex jitwettaq. Aċċenna wkoll li ġiet sottomessa applikazzjoni quddiem il-MEPA sabiex jissebbaħ Misraħ il-Parroċċa. Is-Sur R. Cutajar rrefera wkoll għal kritika li saret fl-istess fuljett, li fl-attivitajiet tal-Kunsill ikun hemm preżenza ta' persuni min-naħa tal-Gvern. Huwa qal li anke din il-kritika hija nġusta, għaliex illi minkejja li jinħarġu stediniet lill-mexxejja jew kelliema tal-Oppożizzjoni, dawn xorta waħda ma jattendux. Huwa semma bħala eżempju l-attivita` fejn jiġu ppreżentati l-onorefiċenzi fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill.

18.4. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li fl-inawgurazzjoni ta' Ġnejnet il-Mellieħa fis-6 ta' Novembru 2012, kien eżempju, fejn minkejja li ġiet mistiedna l-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onor. Dolores Cristina, ma ġie mistieden ħadd min-naħa l-Oppożizzjoni.

18.5. Is-Sindku wieġeb li l-istedina tal-Ministru Cristina hija ovvja, billi l-proġett ġie nawgurat mill-istudenti tal-Iskola Primarja. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-kelliem tal-Partit Laburista dwar l-Edukazzjoni – l-Onor. Evarist Bartolo - qatt ma attenda għal attivita` tal-Kunsill, minkejja li ġie mistieden anke bħala deputat tad-distrett.

18.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa u qal li minkejja li dan jinsab fi stadju ta' konsiderazzjoni mill-MEPA, il-pjanti tiegħu qatt ma tpoġġew għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kompla jgħid li hemm residenti tal-Manikata huma favur l-ideja li l-misraħ jinbidel f'żuntier, filwaqt li taħtu jsir parkeġġ bi dħul minn Triq il-Mellieħa, jew minn Triq Dun Manwel Grima.

18.7. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li pjanta tal-proġett ġiet murija waqt laqgħa li saret għar-residenti tal-Manikata fl-istess raħal. Huwa kkummenta wkoll li parkeġġ taħt l-art jirrikjedi spiża konsiderevoli. Aċċenna wkoll li l-proġett ġie approvat mill-Kunsill Lokali, apparti li kien suġġerit mill-Kumitat tar-Residenti tal-Manikata.

18.8. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 19.1. Arranġamenti tat-traffiku f'Santa Marija Estate (T/3/2/Vol X)

19.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li kellu laqgħa ma' delegazzjoni mill-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate, dwar nuqqas ta' sigurta` fit-toroq ewlenin ġewwa ż-żona.

19.3. Is-Sur E. Bartolo fakkar li permezz ta' talba li saret lill-Transport Malta fl-14 ta' Ottubru 2011 il-Kunsill kien ippropona numru ta' miżuri, li ġew ikkunsidrati min Transport Malta, skont *e-mail* datat 6 ta' Frar 2012. Huwa ssuġġerixxa li għandhom jiġu mplimentati l-miżuri approvati kollha li jinvolvu tabelli u sinjali tat-traffiku.

19.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 20.1. Tipjip fil-*Play Grounds* u l-Ġonna Pubbliċi (P/2)

20.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għar-Regolamenti li jipprojbixxu t-tipjip fil-postijiet imsemmija. Huwa staqsa dwar jekk huwiex isir infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

20.3. Is-Segretarju qal li fil-postijiet kollha ta' dan it-tip saru tabelli li jipprojbixxu t-tipjip, wara li daħlu fis-seħħ ir-regolamenti, kif ukoll wara l-ħruġ ta' Memo 123/2011 maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-27 ta' Diċembru 2011.

20.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li f'dan l-istadju jkun aħjar jekk wieħed jiffoka fuq l-edukazzjoni aktar mill-infurzar tar-regolamenti.

## AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar t-Tlieta 8 ta' Jannar 2013 fis-7.00pm

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**